Nru./No. 21,303
Prezz/Price
€11.34

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 23 ta' Awwissu, 2024
Friday, 23rd August, 2024

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 24,019 - 24,032
Government Notices ..... *24,019 - 24,032*

Avviżi tal-Pulizija ..... 24,032 - 24,034
Police Notices ..... *24,032 - 24,034*

Avviżi lill-Baħħara ..... 24,034 - 24,035
Notices to Mariners ..... *24,034 - 24,035*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 24,036 - 24,215
Employment Opportunities ..... *24,036 - 24,215*

Avviżi tal-Gvern ..... 24,216 - 24,226
Notices ..... *24,216 - 24,226*

Offerti ..... 24,226 - 24,231
Tenders ..... *24,226 - 24,231*

Avviżi tal-Qorti ..... 24,232 - 24,266
Court Notices ..... *24,232 - 24,266*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1075

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI

Tribunal dwar il-Privattivi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu 58 (A) tal-Att dwar il-Privattivi Industrijali u d-Disinni (Kap.417) il-Prim Ministru approva l-ħatriet fuq it-Tribunal dwar il-Privattivi kif ġej:

Chairperson
L-Imħallef Henri Mizzi

Chairperson Sostitut
L-Imħallef Ian Spiteri Bailey

Membri
Dott. Christian Spiteri
Dott. Renald Blundell

Membru Sostitut
Is-Sur Peter Muscat

Segretarja
Dott. Marion Camilleri

Assistent
Dott. David Farrugia Sacco

Arbiter
Dott. Joseph Saliba

Dawn il-ħatriet huma validi għal perjodu ta' tliet snin.

It-23 ta' Awwissu, 2024

Nru. 1076

ID-DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ) JERĠA' LURA FUQ DMIRIJIETU

IS-SUR Godwin Warr, Direttur Ġenerali (Kummerċ) reġa' daħal lura fuq dmirijietu fil-21 ta' Awwissu, 2024, u l-arranġamenti li hemm referenza għalihom fin-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1022 tad-9 ta' Awwissu, 2024, huma b'din imħassrin.

It-23 ta' Awwissu, 2024

GOVERNMENT NOTICES

No. 1075

MINISTRY FOR THE ECONOMY, ENTERPRISE AND STRATEGIC PROJECTS

Patents Tribunal

IN virtue of the powers conferred by Article 58 (A) of the Patents and Designs Act (Cap. 417) the Prime Minister has approved the following appointments to the Patents Tribunal:

Chairperson
Judge Henri Mizzi

Substitute Chairperson
Judge Ian Spiteri Bailey

Members
Dr Christian Spiteri
Dr Renald Blundell

Substitute Member
Mr Peter Muscat

Secretary
Dr Marion Camilleri

Assistant
Dr David Farrugia Sacco

Arbiter
Dr Joseph Saliba

These appointments are valid for a period of three years.

23rd August, 2024

No. 1076

RESUMPTION OF DUTIES OF DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

MR Godwin Warr, Director General (Commerce), resumed duties on 21st August, 2024, and the arrangements referred to in the Government Notice No. 1022 of 9th August, 2024, are hereby being cancelled.

23rd August, 2024

Nru. 1077

ĦATRA TA' AĠENT UFFIĊJAL MEDIKU EWLIENI

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Is-Sur Clarence Pace	Aġent Uffiċjal Mediku Ewlieni *Acting Chief Medical Officer*	Saħħa *Health*	20.8.2024 - 25.8.2024

It-23 ta' Awwissu, 2024

No. 1077

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF MEDICAL OFFICER

THE Permanent Secretary in the Ministry for Health and Active Aging has approved the following acting appointment:

23rd August, 2024

Nru. 1078

ĦATRA TA' AĠENT UFFIĊJAL MEDIKU EWLIENI

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva approva l-ħatra temporanja li ġejja:

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Il-Prof. Charmaine Gauci	Aġent Uffiċjal Mediku Ewlieni *Acting Chief Medical Officer*	Saħħa *Health*	26.8.2024 - 5.9.2024

It-23 ta' Awwissu, 2024

No. 1078

APPOINTMENT OF ACTING CHIEF MEDICAL OFFICER

THE Permanent Secretary in the Ministry for Health and Active Aging has approved the following acting appointment:

23rd August, 2024

No. 1079

MALTA BUSINESS REGISTRY

Avviż tar-Reġistru tal-Kumpaniji

SKONT is-subregolament (1) tar-regolament 15 tar-Regolamenti dwar Kontinwazzjoni ta' Kumpaniji, 2002, qiegħda ssir notifika li fl-14 ta' Awwissu, 2024, ġiet konsenjata għar-reġistrazzjoni u pubblikazzjoni, kopja ta' riżoluzzjoni straordinarja tal-azzjonisti ta' Assurant International Division Limited (C57015) b'uffiċċju reġistrat f'103, Palazzo Pietro Stiges, Strait Street, Il-Belt Valletta VLT 1436, Malta, li tawtorizza t-talba tal-kumpanija għall-kunsens tar-Reġistratur biex il-kumpanija titkompla bħala kumpanija barra minn Malta.

Kull kreditur tal-kumpanija li d-dejn tiegħu kien jeżisti qabel il-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż huwa avżat li sakemm ma ssirx oġġezzjoni permezz ta' rikors ġuramentat skont is-subregolament (2) tar-regolament 15 tar-Regolamenti

No. 1079

MALTA BUSINESS REGISTRY

Notice of Registry of Companies

IN accordance with sub-regulation (1) of regulation 15 of the Continuation of Companies Regulations, 2002, it is hereby notified that on the 14th August, 2024, a copy of an extraordinary resolution of the shareholders of Assurant International Division Limited (C57015) with registered office at 103, Palazzo Pietro Stiges, Strait Street, Valletta VLT 1436, Malta, authorising the request by the company to the Registrar for his consent to be continued as a company outside Malta, was delivered for registration and publication.

Any creditor of the company whose debt existed prior to the publication of this notice is advised that unless objection is lodged by writ of summons, in terms of sub-regulation (2) of regulation 15 of the aforesaid Regulations, the Registrar

msemmija, ir-Reġistratur għandu jagħti l-kunsens tiegħu wara li jgħaddu tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż.

Dott. Geraldine A. Spiteri Lucas, LLD
Reġistratur tal-Kumpaniji

It-23 ta' Awwissu, 2024

shall give his consent on the lapse of three months from the date of the publication of this notice.

Dr Geraldine A. Spiteri Lucas, LLD
Registrar of Companies

23rd August, 2024

No. 1080

MALTA BUSINESS REGISTRY

Avviż tar-Reġistratur tal-Persuni Ġuridiċi

SKONT is-subartikolu (2) tal-Artikolu 68 tat-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili, ir-Reġistratur tal-Persuni Ġuridiċi jgħarraf illi l-organizzazzjonijiet hawn taħt imsemmija għandhom jitqiesu bħala xolti u isimhom jitħassar minn fuq ir-reġistru f'għeluq tliet xhur mid-data ta' dan l-avviż, sakemm ma tintweriex raġuni biex isir il-kuntrarju.

L-attiv tal-organizzazzjonijiet msemmija jgħaddi skont kif jingħad fuq l-istatut jew, f'każ li ma hemmx statut, kif imsemmi fit-Tieni Skeda tal-Kodiċi Ċivili f'każ ta' xoljiment, meta isimhom jitħassar minn fuq ir-reġistru.

It-23 ta' Awwissu, 2024

No. 1080

MALTA BUSINESS REGISTRY

Notice by the Registrar for Legal Persons

IN terms of subsection (2) of Section 68 of the Second Schedule to the Civil Code, notice is hereby given by the Registrar for Legal Persons that the undermentioned organisations shall be struck off the register at the expiration of three months from the date of this notice, unless cause is previously shown to the contrary.

The remaining assets of the undermentioned organisations shall devolve in accordance with the provisions of the statute or, in the absence of such statute, in accordance with the provisions of the Second Schedule to the Civil Code as would occur on dissolution, once their names are struck off the register.

23rd August, 2024

Isem *Name*	Numru ta' Reġistrazzjoni *Registration number*
Indigo Foundation	LPF 194
St George and St Michael Foundation	LPF 361
Malta First Foundation	PFLP 55

Nru. 1081

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

No. 1081

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
23.8.2024	€72.619	€0.857

It-23 ta' Awwissu, 2024

23rd August, 2024

No. 1082

MALTA COMPETITION AND CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

Explanatory Notes

1. Introduction

Title of Regulations	Restriction of Use of Hazardous Substances in Electrical and Electronic Equipment (Amendment No. 2) Regulations, 2024 (hereinafter referred to as the "amending regulations")
Activity to be regulated	The restriction of the use of certain hazardous substances in electrical and electronic equipment
Responsible entity	The Technical Regulations Division (TRD) within the Malta Competition and Consumer Affairs Authority (MCCAA

2. Summary and background

2.1 Aims & Objectives of the legislation.

Directive 2011/65/EU lays down rules on the restriction of the use of hazardous substances (RoHS) in electrical and electronic equipment (EEE) with a view to contributing to the protection of human health and the environment, including the environmentally sound recovery and disposal of EEE waste.

Directive 2011/65/EU applies to eleven different categories of EEE, listed in Annex I to that Directive.

Member States are to ensure that EEE placed on the market shall not exceed the maximum concentration values on the restricted substances as listed in Annex II of that Directive. However, while certain equipment is excluded from the scope of the Directive, as indicated in Article 2 thereof, a number of exemptions are granted, as listed in Annex III and Annex IV of the same Directive.

Information on Directive 2011/65/EU of the European Parliament and of the Council on the restriction of the use of hazardous substances in electrical and electronic equipment may be accessed through the following link:

http://ec.europa.eu/environment/waste/rohs_eee/index_en.htm

Directive 2011/65/EU and subsequent amendments thereto, have been transposed into local legislation by means of the Restriction of Use of Hazardous Substances in Electrical and Electronic Equipment Regulations (S.L. 427.57) (hereinafter referred to as the "principal regulations"), which may be accessed through the following link:

https://legislation.mt/eli/sl/427.57/eng/pdf

The aim of the amending regulations is to transpose further amendments carried out to Directive 2011/65/EU by Commission Delegated Directive (EU) 2024/232, as indicated in regulation 1(2) of the amending regulations.

2.2 Overview of the Directives being transposed

Commission Delegated Directive (EU) 2024/232:

http://data.europa.eu/eli/dir_del/2024/232/oj

provides an exemption for the use of cadmium and lead in plastic profiles in electrical and electronic windows and doors containing recovered rigid polyvinyl chloride.

3. Overview of the structure of the instrument

The amending regulations consist of three regulations.

4. Commentary on parts and articles of the legislation

Regulation No. of draft L.N.	Meaning & obligations placed on user
1	The citation, scope, and commencement of the amending regulations. The date of entry into force of the amending regulations is the 1st of August 2024.
2	Directive (EU) 2024/232 provides an exemption for the use of cadmium and lead in plastic profiles in electrical and electronic windows and doors containing recovered rigid polyvinyl chloride. Entry 45 is being added to the list of the exemptions listed in Schedule III to the principal regulations for the purpose of adaptation to scientific and technical progress. This provision shall apply from 1st August, 2024.
3	Directive 2024/232 which is being transposed by means of the proposed regulations is listed in Schedule VIII to the principal regulations

5. Concluding Section

These regulations shall come into force on the 1st of August 2024.

Should more information be required kindly contact the Regulatory Affairs Directorate within the Malta Competition and Consumer Affairs Authority on 23952000.

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement to it. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

23rd August, 2024

No. 1083

MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI

Noti ta' Spjegazzjoni[1]

1. Introduzzjoni

Titolu tal-Avviż Legali	Regolamenti tal-2024 dwar il- Limitazzjoni fuq in-Numru ta' Residenti li jistgħu jokkupaw Dar Mikrija
Attività li għandha tiġi regolata	Limitazzjoni fuq in-numru ta' residenti li jistgħu jgħixu flimkien, fi spazju residenzjali kondiviż fl-istess żmien b'kirja residenzjali privata, u ma tinkludix familji.
Entità responsabbli	Awtorità tad-Djar (hawn aktar 'il quddiem imsejħa "l-Awtorità").

2. Sommarju u sfond

L-għan ta' dawn ir-regolamenti hu sabiex jiġi ndirizzat in-nuqqas ta' regolamento fis-settur tal-kirjiet residenzjali privati għal propjetajiet li qegħdin jiġu mikrija bħala spazji kondiviżi. Bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti għandu jkun hemm limitu fuq in-numru ta' residenti li jkunu qegħdin fi spazju kondiviż f'kirja residenzjali privata, u li ma humiex familja, u dan għandu jiġi stabbilit skont in-numru ta' kmamar tas-sodda u l-kmamar tal-banju fid-dar mikrija.

3. Ħarsa ġenerali lejn l-istruttura tal-istrument

Ir-regolamenti huma magħmula minn erba' (4) regolamenti u Skeda u jikkonsistu f'dawn li ġejjin:

Regolament 1: Titolu u bidu fis-seħħ.

Regolament 2: Tifsir.

Regolament 3: Limitazzjoni tan-numru ta' residenti.

Regolament 4: Dikjarazzjoni minn sid il-kera.

Skeda.

4. Kummentarju fuq ir-regolamenti

Ir-regolament 1 jipprovdi t-titolu u l-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti.

Ir-regolament 2 jipprovdi t-tifsiriet tat-termini użati matul ir-regolamenti.

[1]Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni huma konformi ma' u għall-fini tal-artikolu 3(2)(ċ) tal-Att dwar l-Intrapriżi ż-Żgħar (Kapitolu 512 tal-Liġijiet ta' Malta).

Ir-regolament 3 jipprovdi li dar bħala spazju kondiviż ma għandhiex tippermetti aktar minn għaxar (10) residenti f'daqqa, liema numru ta' residenti għandu jikkorrispondi mal-Iskeda.

Ir-regolament 4 jipprovdi li sid il-kera għandu jagħmel dikjarazzjoni bin-numru ta' kmamar tas-sodda u tal-kmamar tal-banju, u jekk ma tkunx konformi mal-Iskeda għandha tiġi meqjusa bħala dikjarazzjoni falza.

L-Iskeda tinkludi tabella bin-numru ta' residenti permessi fi spazju kondiviż skont in-numru ta' kmamar tas-sodda u kmamar tal-banju dikjarati fid-dar mikrija.

5. Sezzjoni konklużiva

Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fi żmien xahrejn (2) mill-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

F'każ ta' mistoqsijiet, il-pubbliku ġenerali huwa mħeġġeġ li jikkuntattja lill-Awtorità fuq (customer.care.ha@ha.gov.mt).

N.B. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex maħsuba biex ikunu deskrizzjoni eżawrjenti tal-istrument legali u lanqas sostitut tiegħu jew suppliment leġiżlattiv għall-istess. Dawn in-Noti ta' Spjegazzjoni mhumiex intiżi bħala deċiżjoni awtorevoli fuq l-interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni.

It-23 ta' Awwissu, 2024

No. 1083

MINISTRY FOR SOCIAL AND AFFORDABLE ACCOMMODATION

Explanatory Notes[1]

1. Introduction

Title of Regulations	Limitation of the Number of Residents who may occupy a Leased Dwelling House Regulations, 2024
Activity to be regulated	Limitations on the number of residents who may reside together, in a shared residential space, at the same time in a private residential lease, and which does not include families.
Responsible entity	Housing Authority (hereinafter referred to as "the Authority")

2. Summary and background

The aim of these regulations is to address the lack of regulations in the private residential lease sector for properties being leased as shared spaces. By virtue of these regulations there shall be a limit on the number of residents who shall live in a

[1]These Explanatory Notes are in accordance with and for the purpose of article 3(2)(c) of the Small Business Act (Chapter 512 of the Laws of Malta).

shared space in a private residential lease, and who are not a family, which shall be determined according to the number of bedrooms and bathrooms in the leased dwelling.

3. Overview of the structure of the instrument

The regulations are made up of four (4) regulations and a Schedule and consist of the following:

Regulation 1: Citation and commencement.

Regulation 2: Interpretation.

Regulation 3: Limitation of number of residents.

Regulation 4: Declaration by lessor.

Schedule.

4. Commentary on regulations

Regulation 1 provides the title and commencement of these regulations.

Regulation 2 provides the definitions of the terms used throughout the regulations.

Regulation 3 provides that the dwelling house, as a shared space, shall not permit more than ten (10) residents at once, which number of residents shall correspond with the Schedule

Regulation 4 provides that the lessor shall make a self-declaration with the number of bedrooms and bathrooms, and if not in conformity with the Schedule it shall be considered as a false declaration.

The Schedule includes a table with the number of residents permitted in a shared space according to the number of bedrooms and bathrooms declared in the leased dwelling house.

5. Concluding Section

These regulations shall come into force within two (2) months from their publication in the Gazette.

In case of queries, the general public is encouraged to contact the Authority on (customer.care.ha@ha.gov.mt)

N.B. These Explanatory Notes are not intended to be an exhaustive description of the instrument nor a substitute thereof or a legislative supplement thereto. These Explanatory Notes do not purport to be an authoritative ruling on the interpretation of the legislation.

23rd August, 2024

Nru. 1084

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MELLIEĦA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artikolu 115 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 10), il-Prim Ministru għoġbu jordna illi n-numri/ismijiet ta' bibien fit-toroq imsemmija fil-Mellieħa, hawn taħt elenkati u speċifikati f'din l-iskeda, għandhom jinbidlu kif jidher fl-iskeda msemmija.

No. 1084

NUMBERING OF DOORS AT IL-MELLIEĦA

IN exercise of the powers conferred by section 115 of the Code of Police Laws (Cap. 10), the Prime Minister has been pleased to order that the numbers/names of the doors in the undermentioned streets at Il-Mellieħa, specified in the subjoined schedule, be altered as stated in the said schedule.

SKEDA/*SCHEDULE*
IL-MELLIEĦA

1. **TRIQ IL-BARRADA**
2. **TRIQ IL-MIĠBĦA**
3. **TRIQ SALVINU VELLA**
4. **TRIQ SAN PUBLJU**
5. **TRIQ IT-TUNNAĠĠ**

1. TRIQ IL-BARRADA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Tas-Salib

Left side entering from Triq Tas-Salib

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Daffodil	1
Daisy	3
The Willows (Flettijiet)	5
Daħla għall-garaxxijiet	7
234, Two Three Four (Flettijiet)	9
Garaxx	11
Garaxx	13

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Tas-Salib

Right side entering from Triq Tas-Salib

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Lancashire	2
Medusa	4
White Lily	6
Daħla għall-garaxxijiet	8
Loveink Tattoo Studio (Ħanut)	10
Pure (Ħanut)	12
Garaxx	14
Garaxx	16
Garaxx	18

2. TRIQ IL-MIĠBĦA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq l-Etna

Left side entering from Triq l-Etna

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
2, Golden Vista	1
3, Golden Vista	3
145 (Flettijiet)	5
Garaxx	7
144, Karen	9
Garaxx	11
143, Josmar House	13

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq l-Etna

Right side entering from Triq l-Etna

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
The Horizon (Flettijiet)	2
Garaxx	4
Garaxx	6
Garaxx	8
Garaxx	10
Hanover House (Flats13/14)	12
Garaxx	14

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Daħla għall-garaxxijiet	15	Garaxx	16
Mulberry (Flettijiet)	17	Hanover House (Flats 9/10/11/12)	18
2	19	Garaxx	20
Bieb bla numru	21	Garaxx	22
Daħla għall-garaxxijiet	23	Garaxx	24
Bieb bla numru	25	Garaxx	26
Bieb bla numru	27	Hanover House (Flats 5/6/7/8)	28
137, Casa Vella	29	Garaxx	30
Garaxx	31	Garaxx	32
Bieb bla numru	33	Garaxx	34
Bieb bla numru	35	Garaxx	36
Daħla għall-garaxxijiet	37	Hanover House (Flats 1/2/3/4)	38
135, Domus Aurea	39	Garaxx	40
Allure Apartments	41	Garaxx	42
Heriot Row	43	239, Ave Maria	44
Daħla għall-garaxxijiet	45	Bieb bla numru	46
1, New Haven	47	Garaxx	48
Argento (Flettijiet)	49	238, Eldorado Flats	50
Bieb bla numru	51	Garaxx	52
Garage	53	Bieb bla numru	54
131	55	Garaxx	56
Daħla għall-garaxxijiet	57	236 (Flettijiet)	58
Blue Bird	59	Garaxx	60
130, Sanctuary	61		
2	63		
Bieb bla numru	65		
Bieb bla numru	67		
127, Trilogy Court	69		

3. TRIQ SALVINU VELLA

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq San Pawl

Left side entering from Triq San Pawl

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Madonnina	1
Marie Louise	3
Chardor	5
Garaxx	7
Antemma	9
Sit bla bini	11
Sit bla bini	13
Riviera (Flettijiet)	15

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq San Pawl

Right side entering from Triq San Pawl

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Temple Hill	17		
Emanuel	19		
Vega	21		
Doreen	23		
Ave Maria	25		
St Theresa	27		
Paulmar	29		
Bouganvillea	31		
Casa Victoria	33		
Silhouette	35		
Bieb bla numru	37		
Garaxx	39		
Bieb bla numru	41		
Bieb bla numru	43		
Bieb bla numru	45		
Garaxx	47		

4. TRIQ SAN PUBLJU

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn
Triq Ġorġ Borg Olivier

Left side entering from Triq Ġorġ Borg Olivier

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
1	1
Bieb bla numru	3
5	5
7	7

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn
Triq Ġorġ Borg Olivier

Right side entering from Triq Ġorġ Borg Olivier

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Bieb bla numru	2
20	4
Bieb bla numru	6
Bieb bla numru	8
18, Taż-Żgħira	10
Bieb bla numru	12
Bieb bla numru	14
Bieb bla numru	16
Bieb bla numru	18
Art & Craft Centre Mellieħa	20
Mini Market (Ħanut)	22
13, Don Julio	24
Garaxx	26
12, Il-Lelluxa	28
Bieb bla numru	30
11, Peprina	32
Hillside	34
9, Qalb ta' Ġesù	36

5. TRIQ IT-TUNNAĠĠ

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq it-Tumbrell

Left side entering from Triq it-Tumbrell

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
L'Ankra	1
Seasun	3
Lacey	5
Apple Blossom	7
Torwin	9

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq it-Tumbrell

Right side entering from Triq it-Tumbrell

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Sit bla bini	2
Sit bla bini	4
Sit bla bini	6
Sit bla bini	8
Sit bla bini	10
Sit bla bini	12
Sit bla bini	14
Sit bla bini	16
Siesta	18
Garaxx	20
New Haven (Garaxx)	22
Garaxx	24
Mancris Court	26
Garaxx	28
Toyahh Buildings	30
Garaxx	32
5, Rizza Garage	34
Garaxx	36
San Giuseppe (Flettijiet)	38
Cleaven (Garaxx)	40
San Paolo (Flettijiet)	42
Garaxx	44
Winston (Garage)	46
Dolmar Flats	48
Joelin	50
Emma	52
Seabreeze Court	54
Garaxx	56
Daħla għall-garaxxijiet	58
Calypso Court	60
Daħla għall-garaxxijiet	62
Garaxx	64
Seahorse Court	66
Franco Garage	68
Garaxx	70
Christay	72
Sunrise Flats	74

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru Ġdid *New Number*
Garaxx	76
Garaxx	78
Daħla għall-garaxxijiet	80
Bieb bla numru	82
Bieb bla numru	84
Daħla għall-garaxxijiet	86
Bieb bla numru	88

It-23 ta' Awwissu, 2024

Nru. 1085

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MELLIEĦA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 519 tat-30 ta' April, 2018, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Mellieħa', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikat b'tipi **grassi**.

IL-MELLIEĦA

1. TRIQ DUN FRANĠISK SCIBERRAS

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Franġisk Zahra

Left side entering from Triq Franġisk Zahra

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Sit bla bini	1
Sit bla bini	3
Sit bla bini	5
Sit bla bini	7
Sit bla bini	9
Sit bla bini	11
Bieb bla numru	13

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Franġisk Zahra

Right side entering from Triq Franġisk Zahra

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Bieb bla numru	**1**
M33 Block A	**3**
Bieb bla numru	**5**
Daħla għall-garaxxijiet	**7**
M33 Block B	**9**
Bieb bla numru	**11**
13	13

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

It-23 ta' Awwissu, 2024

23rd August, 2024

No. 1085

NUMBERING OF DOORS AT IL-MELLIEĦA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 519 dated 30th April, 2018, under the title 'Numbering of doors at Il-Mellieħa', the following amendments in **bold** should be made.

Nru. 1086

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MELLIEĦA

Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1238 tas-27 ta' Settembru, 2022, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Mellieħa', għandu jsir dan il-prolungament kif indikat b'tipi **grassi**.

No. 1086

NUMBERING OF DOORS AT IL-MELLIEĦA

Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 1238 dated 27th September, 2022, under the title 'Numbering of doors at Il-Mellieħa', the following prolongation in **bold** should be made.

IL-MELLIEĦA

1. TRIQ MONSINJUR MOSÈ DEBONO

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Ġorġ Borg Olivier

Left side entering from Triq Ġorġ Borg Olivier

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
6, Victoria	17
	għandhom jiżdiedu *should be added*
A1	**19**
Bieb bla numru	**21**

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Ġorġ Borg Olivier

Right side entering from Triq Ġorġ Borg Olivier

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

It-23 ta' Awwissu, 2024

23rd August, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 198

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Tas-Sliema

Nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Awwissu, 2024, bejn it-8.30 p.m. u 11.59 p.m., minn Triq it-Torri, iż-żewġ direzzjonijiet;

Nhar is-Sibt, 31 ta' Awwissu, 2024, bejn is-7.30 p.m. u s-1.00 a.m., minn Triq it-Torri, iż-żewġ direzzjonijiet;

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' Settembru, 2024, bejn is-7.00 p.m. u l-10.30 p.m., minn Triq it-Torri, iż-żewġ direzzjonijiet u Triq Sir Adrian Dingli, iż-żewġ direzzjonijiet.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-23 ta' Awwissu, 2024

POLICE NOTICE

No. 198

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Tas-Sliema

On Friday, 30th August, 2024, between 8.30 p.m. and 11.59 p.m., through Triq it-Torri, in both directions;

On Saturday, 31st August, 2024, between 7.30 p.m. and 1.00 a.m., through Triq it-Torri, in both directions;

On Sunday, 1st September, 2024, between 7.00 p.m. and 10.30 p.m., through Triq it-Torri, in both directions and Triq Sir Adrian Dingli, in both directions.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

23rd August, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 199

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Iż-Żebbuġ, Għawdex

Nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Awwissu, 2024, mit-3.00 p.m. sas-2.00 a.m., minn Triq il-Ponta, Pjazza tal-Qalb ta' Ġesù, Triq Ġoma, Triq il-Knisja, Pjazza l-Assunta u Triq il-Kappillan Ġużeppi Vella.

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

L-Isla

Nhar il-Ġimgħa, 23 ta' Awwissu, 2024, mis-7.00 p.m. sas-10.00 p.m., minn Triq il-Vitorja.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-23 ta' Awwissu, 2024

POLICE NOTICE

No. 199

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Żebbuġ, Gozo

On Friday, 23rd August, 2024, from 3.00 p.m. till 2.00 a.m., through Triq il-Ponta, Pjazza tal-Qalb ta' Ġesù, Triq Ġoma, Triq il-Knisja, Pjazza l-Assunta and Triq il-Kappillan Ġużeppi Vella.

Public transport may also be affected.

Senglea

On Friday, 23rd August, 2024, from 7.00 p.m. till 10.00 p.m., through Triq il-Vitorja.

Public transport will be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

23rd August, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 200

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Tas-Sliema

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' Settembru, 2024, bejn id-9.00 a.m. u t-3.00 p.m., minn Triq Nicolò Isouard kantuniera ma' Triq Depiro u l-parti tat-Triq quddiem il-Każin, ċjoè Triq Nicolo Isouard sa Triq Blanche Huber;

POLICE NOTICE

No. 200

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Tas-Sliema

On Sunday, 1st September, 2024, between 9.00 a.m. and 3.00 p.m., through Triq Nicolò Isouard corner with Triq Depiro and the part of the road in front of the Club, that is Triq Nicolo Isouard till Triq Blanche Huber;

Nhar il-Ħadd, l-1 ta' Settembru, 2024, bejn il-5.00 p.m. u l-10.30 p.m., minn Triq Nicolò Isouard, Triq Santa Margerita, Triq Blanche Huber, Triq Melita, Triq Sir Adrian Dingli, Triq it-Torri u Triq San Franġisk.

Il-Manikata

Nhar il-Ħadd, 25 ta' Awwissu, 2024, mis-6.00 p.m. sa 11.59 p.m., minn Triq il-Mellieħa minn Triq Louis Wettinger/ Dawret il-Mellieħa.

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-23 ta' Awwissu, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 102 tal-2024

Open Water Swimming Event fil-Bajja ta' Marsalforn, Għawdex – l-1 ta' Settembru, 2024

Id-Direttorat tal-Portijiet u Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li Birkirkara St Joseph Sports Club se jorganizza attività ta' għawm fil-miftuħ fil-Bajja ta' Marsalforn, Għawdex.

It-tellieqa se ssir tul il-korsa A, B u C kif muri fiċ-chart fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	36° 04'.383	014° 15'.483
B	36° 04'.617	014° 15'.583
C	36° 04'.583	014° 15'.633

nhar il-Ħadd, l-1 ta' Settembru, 2024, bejn id-9.00 a.m. u l-11.00 a.m.

Club RHIB 'S16893' u numru ta' kenuri se jakkumpanjaw lill-għawwiema parteċipanti.

Il-baħħara kollha huma mwissija biex iżommu 'l bogħod sew miż-żona u, taħt l-ebda ċirkostanza, m'għandhom jgħaddu mill-kors A, B u C. Bastimenti li l-irmiġġi tagħhom huma f'din iż-żona għandhom jikkomunikaw ma' RHIB 'S16893' qabel ma jidħlu jew iħallu din iż-żona u jistennew li jkunu skortati kif xieraq.

Fid-data u l-ħinijiet stipulati, il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti u jinnavigaw b'kawtela estrema u b'veloċità baxxa (mingħajr rima) meta jkunu fil-viċinanza. Huma għandhom jikkoperaw mal-organizzaturi.

On Sunday, 1st September, 2024, between 5.00 p.m. and 10.30 p.m., through Triq Nicolò Isouard, Triq Santa Margerita, Triq Blanche Huber, Triq Melita, Triq Sir Adrian Dingli, Triq it-Torri and Triq San Franġisk.

Manikata

On Sunday, 25th August, 2024, from 6.00 p.m. till 11.59 p.m., through Triq il-Mellieħa from Triq Louis Wettinger/ Dawret il-Mellieħa.

Public transport may also be affected.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

23rd August, 2024

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 102 of 2024

Open Water Swimming Event in Marsalforn Bay, Gozo – 1st September, 2024

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that Birkirkara St Joseph Sports Club will be organising an open water swimming event in Il-Bajja ta' Marsalforn, Gozo.

The race will be held along the course A, B and C as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	36° 04'.383	014° 15'.483
B	36° 04'.617	014° 15'.583
C	36° 04'.583	014° 15'.633

on Sunday, 1st September, 2024, between 9.00 a.m. and 11.00 a.m.

A club RHIB 'S16893' and a number of canoes will be accompanying the participating swimmers.

All mariners are directed to keep well clear of the area and, under no circumstances, are to transit through course A, B and C. For vessels whose moorings are within this area, they are to communicate with RHIB 'S16893' prior to entering or leaving the area and wait to be escorted accordingly.

On the stipulated date and times, mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate with extreme caution and at slow speed (no wake) when in the vicinity. They are to cooperate with the organisers.

Il-baħħara kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjali tal-infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 211

It-23 ta' Awwissu, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 103 tal-2024

Ħruq tan-Nar fil-Bajja ta' San Ġiljan – San Girgor (Tas-Sliema)

Id-Direttorat tal-Portijiet u tal-Yachting, Transport Malta, jgħarraf li se jiħaraq logħob tan-nar b'rabta mal-festa ta' San Girgor mill-moll f'punt A (kif jidher fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)) fid-dati u l-ħin li ġejjin:

Pożizzjoni	*Latitudni (T)*	*Longitudni (L)*
A	35° 54'.931	014° 29'.818

Il-Ġimgħa, 30 ta' Awwissu, 2024, mill-10.45 p.m. sal-10.53 p.m.,

Is-Sibt, 31 ta' Awwissu, 2024, mill-10.25 p.m. sal-10.38 p.m., u

Il-Ħadd, l-1 ta' Settembru, 2024, mid-9.20 p.m. sad-9.23 p.m.

Il-bastimenti u l-għawwiema kollha huma mwissija biex iżommu 'l bgħod u jżommu distanza minima ta' mhux inqas minn 100 metru mill-Moll kif muri fiċ-chart fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) waqt il-wirjiet imsemmija hawn fuq.

Bastimenti rmiġġati sa 100 metru mill-punt A (kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt)) għandhom jitneħħew u ż-żona tinżamm libera waqt il-wiri.

Transport Malta ma taċċetta l-ebda responsabbiltà għal kwalunkwe ħsara kkawżata mill-ispettakli tan-nar lil xi bastiment u t-tagħmir anċillari tiegħu, kemm jekk dak il-bastiment u t-tagħmir anċillari tiegħu jitħallew fiż-żoni ta' sigurtà msemmija, jew barra dik iż-żona ta' sigurtà, mill-punt minn fejn jittella' l-logħob tan-nar.

Il-baħħara għandhom jobdu l-istruzzjonijiet u d-direzzjonijiet mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS u kwalunkwe uffiċjali tal-infurzar fiż-żona.

Chart affettwata: BA 17

It-23 ta' Awwissu, 2024

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement personnel on site.

Chart affected: BA 211

23rd August, 2024

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 103 of 2024

Fireworks Displays in St Julians Bay – San Girgor (Tas-Sliema)

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies that firework displays in connection with the feast of St Gregory will be let off from the jetty at point A (as shown on the attached chart) on the following dates and time:

Position	*Latitude (N)*	*Longitude (E)*
A	35° 54'.931	014° 29'.818

Friday, 30th August, 2024, from 10.45 p.m. to 10.53 p.m.,

Saturday, 31st August, 2024, from 10.25 p.m. to 10.38 p.m., and

Sunday, 1st September, 2024, from 9.20 p.m. to 9.23 p.m.

All vessels and bathers are warned to keep clear and maintain a minimum distance of not less than 100 meters from the Jetty as shown on the chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt) during the abovementioned displays.

Vessels moored within 100 metres from point A (as shown on the attached chart) are to be removed and the area kept clear during the displays.

Transport Malta will accept no liability whatsoever for any damage caused by the firework displays to any vessel and her ancillary equipment, whether such vessel and her ancillary equipment are left within the safety zones mentioned, or outside such safety zone, from the point from which the fireworks are let off.

Mariners are to obey instructions and directions given on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and any enforcement officials in the area.

Chart affected: BA 177

23rd August, 2024

AWTORITÀ GĦALL-INTEGRITÀ FL-ISPORT MALTI

Espressjoni ta' Interess – Ingaġġ ta' Professjonalisti mal-Awtorità għall-Integrità fl-Isport Malti

L-Awtorità għall-Integrità fl-Isport Malti (AIMS) qed tingaġġa professjonisti fuq kuntratt għal servizz sabiex tniedi skema ġdida biex tassisti organizzazzjonijiet sportivi fit-twaqqif, ir-reġistrazzjoni u s-sottomissjonijiet ta' konformità tagħhom.

Għal dan il-għan, l-AIMS qed tistieden applikazzjonijiet minn professjonisti eliġibbli interessati li jagħtu servizz ma' AIMS fuq bażi ta' kuntratt għal servizz. It-tul ta' dan l-inkarigu se jkun għal perjodu ta' 24 xahar.

L-esperti se jkunu mistennija jaħdmu għal numru ta' siegħat kif mitlub mill-Awtorità fosthom tmiem il-ġimgħa u festi pubbliċi.

Sabiex ikunu eliġibbli, il-kandidati għal tali ingaġġ għandhom:

Xogħol legali, regolatorju u affarijiet relatati:

1. Ikun fil-pussess ta' Master's f'business administration, sport management jew sport law (Livell EQF 7) rikonoxxut mill-Awtorità ta' Malta għal Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (https://mfhea.mt/) jew ikollu esperjenza minima ta' ħames snin ta' xogħol fl-amministrazzjoni sportiva jew liġi sportiva.

Xogħol ta' analiżi finanzjarja u affarijiet relatati:

1. Ikun fil-pussess tal-kwalifika ACCA

L-applikanti kollha għandhom:

2. Ikunu familjari mal-leġiżlazzjoni tal-isport lokali u l-istrutturi internazzjonali tal-isport;

3. Ikollhom għarfien sod dwar prinċipji ta' governanza tajba u aspetti oħra tal-isport bħal kwistjonijiet relatati ma' salvagwardjar ta' tfal u persuni vulnerabbli, id-doping, match-fixing u l-ħasil tal-flus fl-isport;

4. Ikunu fil-pussess ta' liċenzja tas-sewqan;

5. Ikollhom kondotta nadifa;

6. Ikunu reġistrati bħala self-employed ma' JobsPlus.

Il-kandidati interessati għandhom jibagħtu espressjoni ta' interess flimkien ma' Curriculum Vitae, u ċertifikat riċenti tal-kondotta tal-pulizija, sa mhux aktar tard mit-Tnejn, 9 ta' Settembru, 2024, f'nofsinhar, lil (info.aims@aims.org.mt).

It-23 ta' Awwissu, 2024

AUTHORITY FOR INTEGRITY IN MALTESE SPORT

Expression of Interest – Engagement of Professionals with the Authority for Integrity in Maltese Sport

The Authority for Integrity in Maltese Sport (AIMS) is engaging professionals on a contract for service in order to launch a new scheme to assist sport organisations in their setting up, registration and compliance submissions.

To this effect, AIMS is calling on any eligible professionals interested in being engaged with AIMS on a contract for service basis. The duration of this assignment will be for a period of 24 months.

The experts will be expected to work for a number of hours as requested by the Authority including weekends and public holidays.

In order to be eligible, candidates for such engagement shall:

Legal and regulatory related work:

1. Be in possession of a Master's degree in business administration, sport management or sport law (EQF Level 7) recognised by the Malta Further and Higher Education Authority (https://mfhea.mt/) or have five years minimum experience working in sport management or sport law.

Financial related and Financial analysis work:

1. Be in possession of the ACCA qualification

All applicants shall be required to:

2. Be acquainted and conversant with the local sport legislation and the international structures in relation to sport;

3. Have sound knowledge about good governance principles and other sport aspects such as issues relating to safeguarding, anti-doping, match-fixing and money laundering in sport;

4. Be in possession of a driving licence;

5. Have a clean conduct;

6. Be registered as self-employed with JobsPlus.

Interested candidates shall send an expression of interest together with a Curriculum Vitae, and a recent police conduct certificate, by not later than Monday, 9th September, 2024, at noon, to (info.aims@aims.org.mt)

23rd August, 2024

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA

Pożizzjoni ta' Chairperson Kliniku tad-Dipartiment tal-Kirurġija Kardjotoraċika fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali (People Management), Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Chairperson tad-Dipartiment tal-Kirurġija Kardjotoraċika fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assenjament ta' ħames (5) snin bħala Chairperson Kliniku tad-Dipartiment tal-Kirurġija Kardjotoraċika fil-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva.

2.2 Il-pożizzjoni ta' Chairperson Kliniku tad-Dipartiment tal-Kirurġija Kardjotoraċika hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sena (1).

2.3 Peress li din hi pożizzjoni marbuta ma' terminu ta' żmien fiss, il-pożizzjoni ta' Chairperson Kliniku – Kirurġija Kardjotoraċika tikkostitwixxi raguni oġġettiva li taqa' taħt Regolament 7(4) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat 'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

2.4 Kemm Konsulent fuq kuntratt A jew kuntratt B huma eliġibbli li japplikaw u huwa d-dmir tal-bord tal-għażla li jagħżel lill-kandidat l-aktar adatt biex jimla l-pożizzjoni. Madankollu, mal-ħatra, il-persuna maħtura tkun mitluba li preferibbilment taqleb għall-kuntratt A jekk tkun qed taħdem fuq kuntratt B.

2.5 Kwalunkwe persuna maħtura Chairperson Kliniku u li ma jkollhiex pożizzjoni permanenti ta' Konsulent tiġi maħtura Konsulent ipso facto.

2.6 Persuna li tkun uffiċjal pubbliku li jkollha pożizzjoni ta' Chairperson Kliniku fuq bażi kuntrattwali għal żmien definit, terġa' lura għall-grad ta' Konsulent mat-tkomplija jew tmiem tal-kuntratt tagħha, dment li uffiċjal li jaqdi dmirijiet bi kredibbilita' bħala Chairperson għal żewġ (2) termini sħaħ jitpoġġa fuq bażi personali fuq skala ta' salarju li hi immedjatament ogħla mill-iskala tas-salarju sustantiv tiegħu.

2.7 Kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-pożizzjoni li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom

MINISTRY FOR HEALTH AND ACTIVE AGEING

Position of Clinical Chairperson of the Department of Cardiothoracic Surgery in the Ministry for Health and Active Ageing

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (People Management), Ministry for Health and Active Ageing, invites applications for the position of Clinical Chairperson of the Department of Cardiothoracic Surgery in the Ministry for Health and Active Ageing.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a five (5) year assignment as a Clinical Chairperson of the Department of Cardiothoracic Surgery, Ministry for Health and Active Ageing.

2.2 The position of Clinical Chairperson of the Department of Cardiothoracic Surgery, is subject to a probationary period of one (1) year.

2.3 Since this is a position on a fixed term, the position of Clinical Chairperson – Cardiothoracic Surgery constitutes an objective reason which falls under Regulation 7(4) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'.

2.4 Both Consultants on Contract A or Contract B are eligible to apply, and it is the duty of the selection board to choose the most appropriate candidate to fill the position. However, upon appointment, the selected person shall be requested to preferably revert to Contract A if he/she is a Contract B holder.

2.5 Any person appointed Clinical Chairperson who does not hold a permanent Consultant post shall ipso facto be appointed Consultant.

2.6 A public officer holding the position of Clinical Chairperson of the Department of Cardiothoracic Surgery on a contractual basis for a definite period shall revert to the Consultant grade upon completion or termination of his/her term of the contract, provided that an officer who performs creditably as a Chairperson for two (2) full terms shall be placed, on a personal basis, on the salary scale which is immediately higher than the scale of his/her substantive grade.

2.7 Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the position applied for. Prior to appointment, selected candidates from outside the Public Service must

jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.8 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023, u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-bord tal-għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

Il-kandidat/i magħżul/a jkun/u meħtieġ/a jimla/jimlew id-Dikjarazzjoni disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)), peress li din il-kariga/pożizzjoni (i) hija fi skala ta' salaraju 5 jew ogħla.

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3. Is-salarju marbut mal-pożizzjoni ta' Chairperson Kliniku tad-Dipartiment tal-Kirurġija Kardjotoraċika huwa ekwivalenti għal Skala ta' Salarju 3 li fis-sena 2024 huwa ta' €43,542.00.

Dmirijiet

4.1 Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Chairperson Kliniku tad-Dipartiment tal-Kirurġija Kardjotoraċika jinkludu li:

i. Jiżviluppa pjan ta' servizz stateġiku minn ħamsa sa għaxar snin inkluż proposti ta' servizzi ġodda u r-riżultat ta' nefqa kapitali, iż-żieda kapitali tan-nefqa rikurrenti, kif ukoll il-bżonn tar-riżorsi umani u r-rekwiżiti tat-teknoloġija;

ii. Jipproduċi rapport annwali tad-dipartiment b'emfasi tal-kiżbiet u dgħjufijiet billi jirrevedi l-prestazzjoni tas-sena preċedenti;

iii. Iżomm rekord tal-għarfien, kompetenzi u esperjenzi tal-ħaddiema fil-livelli kollha;

iv. Jassigura li hemm politika aġġornata f'postha tal-pjan tax-xogħol għad-dipartiment li tkun f'konformità mal-ftehim

produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment.

2.8 In terms of the requirements emanating from Directive 16, regarding the 'Governing Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Administration', issued by the Principal Permanent Secretary on 27th November, 2023, and which came into force on 1st February, 2024, the selection board will assess candidates' previous employments to assess potential conflicts of interest. In this respect, candidates are to provide a completely updated CV, including qualifications and employment history with their application. Any potential conflict of interest matters noted will be reported to the respective Permanent Secretary, to ensure that should the candidate be recruited, such conflicts of interest would be appropriately managed.

The selected candidate/s will be required to fill in the Declaration available at Appendix 1 to Directive 16 (available from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Directives/Framework%20for%20Preventing%20and%20Managing%20COI%20in%20the%20Public%20Sector.pdf)), since this post/position (i) is in salary scales 5 or higher.

Salary Pegged to the Position

